MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 603/2009

**Master Distributions Limited
(C – 2837)**

**vs**

**Claudia Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lil konvenuta l-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tletin Euro u sitta u erbghin centezmi (€3,230.46), ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata gewwa 'The Cherry Tree Pub', Bugibba.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Ottubru, 2008, tal-ittra ufficjali numru 578/09, mahruga skont Artikolu 166A tal-Kap. 12 u bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju 2007 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ tlett elef, mitejn u tletin Euro u sitta u erbghin centezmi (€3,230.46), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------